MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 723/2002/1

**Jesmond-Paul Borg**

**vs**

**Duncan Sultana**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Settembru, 2003, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat is-27 ta' Novembru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallas lill-attur is-somma ta’ elf, hames mija, tnejn u ghoxrin Lira Maltin (LM1,522.00,0) jew ammont verjuri in linea ta’ danni kkaggunati mill-konvenut u subiti mill-attur in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara Bahar ic-Caghaq fit-18 ta’ Awissu tas-sena 2001 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru DNS-158 habat mal-vettura Nru RAW-160, propjeta’ tal-attur u misjuqa minnu – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

2. Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tas-7 ta’ Settembru, tas-sena 2002, dawk tal-ittra ufficjali, (b’zewg notifiki), tas-7 ta’ Ottubru tas-sena 2002 u dawk tal-ittra ufficjali, (b’notifika wahda), prezentata kontestwalment ma’ dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-20 ta’ Dicembru tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talba attrici ghandha tkun respinta stante li l-incident awtomobilistiku de quo ma garax htija tal-eccipjent izda gara unikament tort tax-xufier tal-vettura RAW-160;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident awtomobilistiku meritu tal-procedura odjerna sehh ghall-habta tas-2.00a.m. tat-18 t'Awissu tas-sena 2001 gewwa Triq il-Kosta, Naxxar, limiti ta' Bahar ic-Caghaq;

2. Illi f'dan l-incident kienu nvoluti l-vettura tal-marka Kia bin-numru ta' registrazzjoni DNS-158 misjuqa mill-konvenut Duncan Sultana, u l-vettura tal-marka Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni RAW-160 misjuqa mill-attur Jesmond-Paul Borg;

3. Illi l-incident de quo sehh f'wahda mil-liwjiet micidjali li hemm fit-triq fuq indikata li ovvjament il-micidjalita' taghhom tizdiet b'rata sproporzjonata meta jidhol il-fattur tal-velocita';

4. Illi l-attur isostni s-segwenti:

i. Illi kien qed isuq fid-direzzjoni tal-Qawra;

ii. Illi kien qed isuq b'velocita' moderata, (ara fol 15);

iii. Illi waqt li kien qed jimmanuvra wahda mill-liwjiet ta' l-imsemmija triq jisma' hoss ta' skidjaturi u jara l-vettura tal-konvenut gejja fid-direzzjoni tieghu mill-faccata;

iv. Illi l-vettura tal-konvenut dahlet fil-genb tal-vettura tieghu *"…u qacctitli l-mera. Ghaffgitli l-bieba tan-naha tieghi, carrtitli parti mill-mudguard, qalatli s-suspension… minn barra u dawwritli l-karozza…Il-karozza daret lejn il-lemin imbaghad tkaxkret la genba"*; (ara fol 15);

v. Illi kagun ta' l-incident de quo il-vettura ta' l-attur soffriet danni ingenti kif jirrizulta assodat

mid-dokumenti minnu pprezentanti in sostenn tat-talba tieghu indikata fl-avviz li ta bidu ghall-procedura odjerna;

5. Illi l-konvenut isostni s-segwenti:

i. Illi kien qed isuq fid-direzzjoni lejn San Giljan fejn kien qed jirritorna lura d-dar tieghu mix-xoghol;

ii. Illi kien qed isuq b'velocita' normali, (ara fol 43);

iii. Illi meta sehh l-impatt bejn il-vetturi kien fil-karreggjata tieghu, (ara fol 43);

iv. Illi ra l-vettura ta' l-attur fl-ahhar mumenti ta' qabel l-impatt stante li jsostni li *"…kwazi kwazi lanqas rajtha. Kwazi rajtha qabel x'hin hbatna"*, (ara fol 43);

v. Illi peress li kien miexi b'velocita' kontenuta jsostni li *"…wara l-impatt jiena bqajt miexi bil-mod u hallejt il-karozza tieqaf, ghaliex bid-daqqa nfaqali t-tyre ta' quddiem",* (ara fol 44);

Ikkunsidrat:

Illi l-iskizz pprezentat fl-atti tal-procedura odjerna jitfa' dawl rizolutorju fuq din il-vertenza;

Illi jirrizulta wkoll pacifiku li l-iskizz de quo gie accettat miz-zewg partijiet bhala riflessjoni tajba ta' kif il-vetturi nvoluti spiccaw wara l-incident;

Illi mill-iskizz jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-vettura ta' l-attur halliet il-marki tar-roti, komunement mgharufa bhala "brake-marks" ta' madwar tletin pied, jew 9.6 metri, (ara fol 18);

2. Illi l-vettura tal-konvenut halliet dak indikat fl-iskizz bhala “rubber marks” fuq in-naha tal-lemin taghha, (ara fol 18);

Ikkunsidrat:

Illi dawn iz-zewg indikazzjonijiet fuq riferiti li jemergu mill-iskizz de quo, ghalkemm gia’ indikattivi tal-velocita’ rispettiva li biha l-vetturi jidhru li kienu qed jigu misjuqa, joffru dawl iehor li hu verament ta’ ghajnuna ghar-risoluzzjoni gusta tal-vertenza odjerna;

Illi in effetti “brake marks” tat-tul indikat fl-iskizz ixejjen ghal kollox l-asserzjoni ta’ l-attur li hu kien qed jikkonduci l-vettura tieghu *“…b’velocita’ moderata”*, jew addirittura *“bil-mod”*, (ara fol 15);

Illi di piu’ il-versjoni tal-konvenut issib ukoll sostenn mill-istess skizz stante li r-“rubber mark” indikata fl-istess skizz tirrifletti t-tyre mifqugh li jirreferi ghalih l-istess konvenut;

Illi ghalhekk il-kreddibilita’ tal-versjoni tal-konvenut hi assodata filwaqt li dik tal-attur ma ssibx sostenn oggettiv u ghalhekk ma tistax ma tigix skartata;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, tirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjez.”

L-attur appella minn din is-sentenza bl-aggravju kontestanti l-apprezzament li l-ewwel Qorti ghamlet tad-dinamika ta’ l-incident; *inter alia*, l-accertament zbaljat li ghamlet meta kkalkolat il-wesgha tat-triq ta’ 9.6 metri bhala *brake marks* tal-vettura misjuqa minnu u l-fatt li injorat ghal kollox l-14-il metru *tyre marks* imhollija mill-vettura tieghu. Fuq kollox, li d-dinamika ta’ l-incident hi koncentrata fuq in-naha tal-karreggjata transitata minnu;

Hi regola generali f’ materja ta’ kollizjonijiet illi t-tribunal adit mill-kaz ghandu dejjem ifittex x’ kien il-fatt li

ddetermina l-habta. Ghal dik li hi responsabilita`, imbaghad, hu dmir ta' dak l-istess tribunal li jindaga n-ness bejn il-kondotta fis-sewqan bhala kawza u l-hsara prodotta bhala effett. Dan ghall-iskop li jigi sodisfatt li dan l-istess ness kien il-kawza prossima u immedjata tas-sinistru;

Fil-qosor hafna ghal dawk li huma l-fatti tal-kaz prezenti, jirrizulta illi l-kontendenti kienu gejjin minn direzzjonijiet opposti, intercettanti liwja f' Bahar ic-Caghaq, fejn id-dahla li twassal ghal Maghtab. L-iskizz esebit a fol. 18 jaghti rikostruzzjoni grafika ta' l-incident. Iz-zewg konducenti jikkontendu li kienu qed isuqu bi *speed* normali u li l-iskontru sehh fin-naha tal-karreggjata rispettiva transitata minnhom;

Mill-fatti premessi, kompriz l-iskizz, indubbjament, zewg aspetti huma mill-ewwel distingwibbli, u cjoe:-

(1) Il-konformazzjoni tal-lokalita` fejn kien hemm liwja kienet timponi fuq iz-zewg konducenti prudenza magguri u rallentament, anke ta' l-i*speed* regolamentari;

(2) Logikament, hu s-sewwieq involut fis-sinistru l-aktar f' posizzjoni li jipprova l-velocita` tieghu imma kif drabi ohra nghad "stante li huwa persuna nteressata fl-ezitu tal-kawza x-xhieda tieghu titlef hafna mill-valur taghha" (**Kollez. Vol. XLIV P IV p 765**). Dan qed jigi rilevat in kwantu fil-fehma ta' din il-Qorti l-kawza ta' l-iskontru kienet il-fattur tal-velocita` li bih wiehed mill-kontendenti kien qed isuq il-vettura tieghu. Li jfisser illi allura dak il-konducent ghandu jitqies fi htija ghad-danni minnu kagjonati jekk kien qed isuq bi *speed* mhux moderat u b' hekk ma kellux dak il-kontroll mehtieg tal-vettura tieghu biex jiskansa l-hsara;

Issa m' hemmx dubju illi r-ragonament ta' l-ewwel Qorti ma tantx jista' jkun ta' ghajnuna ghar-rizoluzzjoni tal-kaz in kwantu dik il-Qorti markatament ikkonfondiet u akkomunat il-wisgha tat-triq (9.6 metri) mal-*brake marks* imhollija mill-

vettura ta’ l-attur. Fl-istess waqt injorat ghal kollox l-14-il metru *tyre marks* li skond l-iskizz thallew minn din l-istess vettura. Ciononstante, anke jekk tiskarta kompletament dik l-istess motivazzjoni, fil-hsieb konsiderat ta’ din il-Qorti, mir-rikostruzzjoni taghha ta’ l-incident, kompriz l-interpretazzjoni oggettiva ta’ l-iskizz, xorta wahda thossha gustifikata tghid li l-attur appellant kien qed isuq b’ mod inkawt u bi *speed* tali li ma ppermettilux ikollu l-padronanza tal-vettura tieghu biex jipprovedi *a tempo* u b’ hekk jevita l-iskontru;

Fir-rikors ta’ l-appell tieghu hu jissuggerixxi illi fejn jibda t-*typre mark* tal-vettura tieghu huwa “l-*probable spot of impact*”. Fil-fehma tal-Qorti din mhix hlief kongettura li ma ssib l-ebda riskontru la mix-xhieda u wisq anqas mill-iskizz. Kif inghad, ukoll f’ kawza koinvolgenti kollizjoni, “il-kawzi ma jigux decizi fuq bazi ta’ kongetturi u ipotesijiet, imma fuq ir-rizultanzi fattwali li jehtieg li jigu pruvati u li minnhom, fil-kaz taht ezami, kien jehtieg li tigi determinata r-responsabilita` tal-konvenut” “**Carmelo Borg -vs- Elia Attard**”, Appell, 6 ta’ Ottubru 2000;

Fir-rigward ta’ l-incident din il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) Ibda biex l-attur innifsu jitlaq mid-deduzzjoni li l-14-il metru *tyre marks* indikati fl-iskizz “qatt ma jistghu jkunu *brake marks* tieghi ghaliex il-karozza tieghi ghandha sistema ta’ ABS u ghalhekk il-brejkijiet ma jillokjaw qatt” (ara deposizzjoni tieghu a fol. 15);

(2) Hu ferm aktar probabbli li dawk it-*tyre marks* kienu effettivament *brake marks* u huma indikattivi li l-attur kien ghaddej bi *speed* eccessiv b’ mod li ma setax jirrallenta u tempestivament jikkontrolla l-vettura tieghu meta kien qed javvicina l-liwja. Wiehed ma jridx jinsa wkoll illi skond ma xehed PS 977 Joseph Zammit, “jien ghidt li huma *tyre marks* u mhux *brake marks* ghaliex jien fl-i*sketches* tieghi dejjem nindika t-*tyre marks*, u qatt ma naghmel referenza ghall-*brake marks*” (fol. 13);

(3) Gie determinat mix-xhieda tal-konvenut, mhux kontraddett, illi l-punt “E” fuq l-iskizz kien l-i*spot of impact* (ara xhieda tieghu a fol. 45). Meta dan hu l-kaz minn dak stabbilit mill-iskizz dan il-punt “E” hu 6.1 metri distanti mill-hajt fuq in-naha tal-karreggjata ta’ l-attur. Li jfisser li fil-mument ta’ l-iskontru l-attur kien qabez nofs it-triq u inonda fuq il-karreggjata l-ohra u dahal fiz-zona tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta;

(4) Huwa veru li l-vettura tal-konvenut spiccat fejn spiccat u cjoe f’ distanza ta’ 29 metru bejn vettura u ohra. Dan pero` ma jfisserx li wiehed jista’ jitragga minn dan xi argument tal-manjiera tas-sewqan tal-konvenut bla ma jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanza li bil-habta t-*tyre* lemini ta’ quddiem infaqa u ghalhekk fi kliem l-ufficcjal li nvestiga l-kaz r-*rubber marks* kienu ndikattivi ta’ “gomma ta’ *tyre* imqatta” (fol. 13).

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata anke jekk issa ghall-motivi diversi. L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jitbatew mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------